# VANĠELU IEĦOR

*Lil Dr. A V. Laferla O.B.E., L.L.D.*

Saħta t-twelid għal min hu bħali ! Emmnuni.
Il-Vanġelu ta' dan jasar id-dmugħ.
Dan il-Vanġelu nifhmu tajjeb jiena
Iżda ftit mill-bnedmin bħali jifhmuh.

X'dieqa fil-ħajja! Kemm hi kerha l-ħajja
ta' min biex igħixha qed imut kulljum!
X'saħta t-twelid għal min hu msejken bħali,
li noħlom ħafna u xejn ma nsib mitmum!

Kemm xbajt f'dil-ħajja, għad li wkoll Mulejja
tani xi ħbieb biex ifarrġuni ftit!
X'ibħra ta' dwejjaq kbar qed iheddduni!
Inħossni negħreq fihom ta' sikwit.

Billi poeta! Dan x'jiswieli? Ħajti
bħal xemx li donnu ma jaf biha ħadd.
Għalkemm ma tonqosnix ir-rieda tajba,
bħall-kotra tal-bnedmin ma nisfa qatt.

Irrid u ma nistax. Il-marda tiegħi
marda li bħalha qatt ma dehret fl-art.
Min inħobbu jaħrabni. Min nagħmillu
il-ġid iroddli x-xewk minflok il-ward.

Irrid u ma nistax. Id-dinja kiefra:
u donnu kollox bil-maqlub. Aħjar,
ngħid xi waqtijiet bejni u bejn ruħi jiena,
ma twelidt xejn: għax kollox baħħ u mrar.

Stabar, jgħidulek. Imma nħoss u nifhem
illi bis-sabar qatt ma wsalt imkien.
U ma wsaltx għax ma stajtx. Xtaqt kieku nasal.
Imsejken! Dejjem waħdi u kullimkien.

Waħdi mingħajr ma rrid. Waħdi fid-dinja,
fejn ruħ waħidha ma tistax iżżomm.
Ktieb in-Natura b'din il-liġi mqaddes:
u b'din il-liġi fih l-oħrajn idomm.

Jien ma naqbel ma' ħadd. Xortija mqita.
Għajri f'qalbi sultan; jien dell għalih.
Jasar, saltnati ta' mħabbiet miċħuda.
Min ħa fija l-għixien, qatilni fih.

Saħta għalija t-twelid! Vanġelu ieħor
min jaf jaqrah fid-dlam isib miktub:
il-Vanġelu taċ-ċaħda ta' l-imħabba;
il-Vanġelu tal-firda bejn il-qlub.

5-1-37.

KARMENU VASSALLO.